KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 86

Is-sitta u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.05 b'din l-Agenda:*

*86.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*86.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*86.5 Rapporti;*
*86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*86.8 Mozzjonijiet ;*
*86.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 86.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

86.1.1 Ma kien hemm ebda apoloġija.

## 86.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

86.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 85 tas-seduta tal-26 ta' Gunju 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

86.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 84. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 85_26/06/2018*

## 86.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

86.3.1 Is-Sindku irrefera għall-punt 85.3.2 dwar il-proġett pjanat mit-Transport Malta dwar is-servizz tal-*Ferry Boat* u l-bini ta' moll gdid. Is-Sindku informa li l-Kunsill bgħat il-kummenti tiegħu u Transport Malta irringrazzjaw lill-Kunsill ta' dawn in-notamenti. *Proġett pjanat mit-TM Ferry Boat*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-18.25*

86.3.2 Fir-rigward ta' Triq il-Kbira, l-Kunsill ġie infurmat li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar ix-xogħlijiet għaliex il-PA hadet id-decizjoni illi mhux ser joħorġu aktar fondi mill-*Urban Development Fund*, u dan peress li l-Gvern Centrali eventwalment se jkun qiegħed jieħu ħsieb hu stess il-manutezjoni tat-toroq. *Triq il-Kbira*

Sadanitant is-Segretarju Ezekuttiv għaddej b'komunikazzjoni mas-Sur Mario Fava, President AKL, sabiex forsi tissolva din il-kwistjoni, peress li l-Kunsill Tas-Sliema kellhu diga l-situdji u pjanti kollha lesti.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li għad fadal zewġ permessi x'jinħarġu wieħed mit-TM tat-*trench permit* u l-ieħor mit-*Traffic Management Unit* ta' TM. Spjega li wara jkun irid isir *coordination meeting* dwar ix-xoghlijiet.

Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess qiegħed jitwal għaliex għad ma waslux tali approvazzjonijiet kemm tal-fondi mill-PA u kemm ta' TM. Wara li jiġi approvat dan kollu, jekk dejjem jigi approvat, umbghad ikun irid jintbgħat il-kuntratt mill-PA li l-Kunsill se jingħata l-fondi biex ikun jista isir il-progett.

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-18.32*

Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-Kunsill jistghax jitlob laqgha mas-Sur Domenic Vella kif ukoll mas-Sur Silvio Scerri mit-TM dwar il-pendenzi fuq permess minnhom li qed nistennew mit-TM. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jiltaqa wkoll mas-Sur Mario Fava tal-AKL kif issuġġerixxa s-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa kemm mat-TM kif ukoll mal-AKL.

86.3.3 Is-Sindku informa li għaddejja komunikazzjoni bħalissa bejn it-Transport Malta u l-Kunsill, għaliex huma ma sabux oġġezzjoni tat-talba li saret mil-kuntratturi, li tingħalaq u jsiru xoghlijiet fi Triq Rudolfu (ex Imperial Hotel) fl-24 ta' Lulju, 2018 bejn is-7 ta' filgħaxija u l-5 ta' filgħodu. Il-Kunsill bgħat lit-TM l-oġġezzjoni tiegħu li l-permess mhux ser jinħareġ bil-lejl min-naha taghna. *Triq Rudlfu (talba għal permess biex isir xogħol bil-lejl)*

F'din il-komunikazzjoni permezz tal-email, hemm ukoll is-Superintendent Mamo li qegħda tiġi infurmata b'dan kollu. Il-Kunsilliera prezenti qablu mad-deċizjoni tal-Kunsill u r-risposta li ntbgħatet lit-TM mis-Segretarju Ezekuttiv. Qablu wkoll, li f'kaz li x-xogħlijiet isiru xorta matul il-lejl minkejja li l-Kunsill ma hux ser johrog permess, is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jagħmlu rapport l-għassa biex jitwaqqfu x-xoghlijeit. Il-Kunsill qabel ukoll li f'dan il-kaz, jiġu ppubblikati l-*emails* relevanti.

86.3.4 Is-Sindku informa li kien hemm residenti li oġġezzjonaw għall-istruttura tal-latrina pubblika proposta fix-Xatt. Is-Sindku qal li l- *Latrina pubblika proposta x-Xatt*

Kunsill stieden lil dawn ir-residenti għall-laqgħa nhar il-Ħamis fis-6pm u l-Kunsilliera li jistgħu jattendu.

86.3.5 B'referenza għall-punt 85.4.1 dwar il-*green roofs*, is-Segretarju Ezekuttiv informa li għad irid jagħmel kuntatt mas-Sur Antoine Gatt *Landscape Architect/Consultant.* *Green roofs*

86.3.6 Il-Viċi Sindku saqsa dwar l-izviluppi tal-RPZ. Is-Sindku qal li baqa' ma sarx progress. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-avukat Spiteri Bailey. *RPZ*

86.3.7 Dwar punt 85.6.7 il-Kunsill bgħat l-ittra tiegħu lis-Segretarju Parlamentari dwar il-BRO u l-Kunsill għadu bla risposta fir-rigward ta' min fejn torigina is-setgha legali tal-BRO li tohrog ezenzjonijiet mil-ligi. *Building Regulations Office*

86.3.8 Is-Sindku informa li l-*bring in sites* li inħarqu fi Qui Si Sana se jiġu mibdula. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li hemm *camera*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li m'għandux il-ħin li jagħmel *monitoring* tal-*cameras* u qal li diġa kellem lill-LESA li jista' jtihom l-aċċess biex jekk jaraw li qegħdin isiru kontravenzjonijiet, dawn ikunu jistgħu jħarrku mill-ewwel. Is-Segretarju għadu jrid jirċievi risposta mil-LESA. Gie nnotat li qiegħed isir *dumping* fejn il-*Bring in-Sites*. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill għandu jinforma lil Greenpak biex jitbgħattlu aktar ta' spiss. Is-Sur Pillow qal ukoll li *Bring in Sites* ta' taħt it-Torri huma ikbar u mhux daqshekk frekwentati. Kien hemm qbil li nsaqsu lil Greenpak biex dawn jitbiddlu kif ukoll dawk ta' Qui Si Sana jitbgħattlu aktar ta' spiss. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar ukoll li għad trid titwaħħal il-*billboard* bil-ħinijiet/informazzjoni wara l-*bring in-site* ta' Qui Si Sana. *Bring in sites – Qui Si Sana*

86.3.9 Is-Sindku qal li kellu talba li jsiru *First Aid Courses*. Kien hemm qbil li jsiru u li l-Kunsill għandu jagħmel promozzjoni. *First Aid Courses*

86.3.10 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jixtri *defibrillator machine* li hija apparat tal-qalb biex tinzamm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

86.3.11 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għall-punt li l-Kunsill jagħmel promozzjoni, u qal li qegħdin isiru diversi laqgħat informattivi u mhux ikollna attendenza tajba. Minħabba d-dhul fis-sehh tal-*GDPR*, il-Kunsill għadu qiegħed jerġa jibni d-*database* ta' min ikun irid jirċievi *Promozzjoni għall-attivitajiet tal-Kunsill*

informazzjoni mil-Kunsill. Il-Kunsill għandu formoli lesti izda għad hemm bzonn li ssir iktar promozzjoni għal dawn il-formoli. Kien hemm qbill li dawn jiġu ppubblikati fil-*magazine* li jmiss, tiġi ppublikata *facebook* kif ukoll min jiġi jitlob xi tip ta' servizz fl-uffiċċju tal-Kunsill, l-istaff għandu joffri wkoll.

86.3.12 Il-Kunsill irċieva talba minn entita biex jorganizzaw *Spanish Latino Beach Event* nhar il-11 t'Awissu, 2018. Kien hemm qbil li din issir fi Gnien Indipendenza u l-Kunsill jtihom id-dawl. *Talba għall-attivita*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq fis-19.23*

86.3.13 Is-Sindku infurma li l-Kunsill irċieva talba mill-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor biex jipparteċipa f'attivitajiet tal-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa kif għamel mal-parroċċa oħra fl-għeluq iċ-ċentinarju, bl-ammont li ma jaqbizx Ewro 1165. *Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor*

## 86.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

86.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm niċċa fi Triq Rudolfu (viċin il-Knisja Anglikana) u qal li jkun xieraq li tiġi rrestawrata fiz-zmien li qegħdin jsiru l-preparamenti għaċ-ċentinarju tal-parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor peress li qegħda fl-istess zona tal-parroċċa . Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan. Il-Kunsillier J. Pillow għandu jara jekk hux propjeta privata. *Niċċa fi Triq Rudolfu*

86.4.2 Il-Kunsillier J. Pillow propona wkoll li parti minn Triq Manwel Dimech (in-naħa tal-għassa) ikollha isem għaliha bħal per ezempju 'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tas-Sacro Cuor', bħala parti wkoll mill-attivitajiet taċ-centinarju. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għandu jibgħat lit-Tismija tat-Toroq l-applikazzjoni flimkien mas-*site plan*. Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li għandna nsaqsu kif l-aħjar isir dan l-isem il-ġdid. *Bdil ta' isem fit-Triq*

86.4.3 Il-Viċi Sindku irrefera għall-proġett ta' Triq Dingli u qal jekk, fuq suggeriment tas-Segretarju Ezekuttiv, is-siġar li kien hemm matul il-promenade, in-naħa tac-Chalet jistgħux jergghu isiru. *Proġetti ta' tisbiħ*

Is-Sindku irrefera wkoll għall-area ta' quddiem il-Karmelitani fejn din hemm bzonn li jsir ta' manutenzjoni wkoll. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma' studenti jew cittadini li għandhom għal qalbhom l-ambjent fejn il-Kunsill isejjaħ *expression*

*of interest* u min joħroġ b'ideat jew dizinji fejn jista jkun hemm tisbiħ f'Tas-Sliema. Il-Viċi Sindku qal li jkun hemm kumitat fejn jagħzel l-aħjar offerta u jkun hemm *reward*. Min se jippartecipa irid jibgħat ritratti u jiddentifika l-area b'mod korrett. Sadanittant il-Kunsillier P. Portelli qal li hu avviċinawh kumpaniji fejn lesti li joffru *sponsorship* lill-Kunsill għall-ambjent aħjar. Il-Kunsill għandu jiltaqa wkoll mas-Sur Fabian Scerri minn P.A.R.K.S (li huwa amministrat minn *Environment Protection Department*)

86.4.4 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill mhux qiegħed ikun iebes bizzejjed mal-kuntratturi meta tiġi rilassata garanzija bankarja għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni meta jitħalla ħafna ħmieġ. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li suppost il-Kunsill beda jirċievi *Commencement Notice* mil-PA għaliex mill-1 ta' Lulju 2018 il-Kunsill suppost beda jirċievi. Il-Kunsill għandu jinforma lil PA għaliex il-*legal notice* mhux qed titwettaq u l-Kunsill għadu ma beda jirċievi xejn. *Kostruzzjoni*

*Gew skuzati mis-seduta l-Kunsilliera M. Aquilina u M. Briguglio fis-19.53.*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li mhux l-ewwel darba li l-Kunsill izomm li jinħarġu xi permessi biex il-kuntratturi ma jkunux jistgħu jaħdmu qabel ma inaddaf. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li sab li din hija l-aktar effettiva milli jittieħdu flus mill-garanzija bankarja għaliex il-kuntratturi jkollhom *deadline* sa meta jridu jlestu x-xogħol, u min-naħa l-oħra hawn nuqqas ta' infurzar għaliex gwardjan wieħed mhux qiegħed ilaħħaq mal-kontravenzjonijiet kollha li jkun hawn f'Tas-Siema. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li dawn is-sitwazzjonijiet niltaqgħu magħhom kuljum u l-uffiċċju dejjem jagħmel dak kollu possibbli. Is-Sindku qal li tajjeb li l-Kunsill jitlob li jkollu zewġ gwardjani. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt mas-*site manager* f'kaz li jkun hemm dawn il-problemi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li nitkellmu ma kulħadd ikun hemm kazijiet li tasal mal-kuntratturi jew mas-*site manager* jiddependi mill-persuna.

Il-*Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli ġew skuzati mis-seduta fit-20.12*

86.4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-laqgħa tal-Kunsilliera organizzata mil-AKL fejn qal li ġie diskuss is-suġġett dwar kif issir l-għazla tat-tender u meta tingħazel l-irħas offerta mhux bilfors se tkun l-aħjar. Il-Kunsill ġie mfakkar li jista jagħzel bis-sistema tal-BPQR (Best Price Quality Ratio).

*Il-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli daħlu lura għas-seduta fit-20.24*

86.4.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-Kunsill ra d-dizinn tal-*bust* ta' Tony Nichol. Il-Kunsill qabel fuq id-dizinn izda għad irid jaqbel fuq id-daqs li se jsir u l-area ezatt fejn se jitpoġġa, għaliex meta ġie diskuss li jitpoġġa Pjazza Sant'Anna faccata ta' *Sliema Wanderers* ġie nnotat li se jkun ftit il-barra u jaf jghalaq d-dahla tal-pjazza. *Tony Nichol*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.30*

86.4.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li kellhom jitpoġġew ritratti/tabelli fi Pjazza Sant' Anna biex it-turisti jkunu jafu l-post li qegħdin fih.

86.4.8 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li fi Pjazza Sant' Anna wkoll kellu jitpoġġa *screen b'live connection* ma' Bialystok bħala parti mit-*Twinning*. Fakkar dan għaliex f'daqqa waħda se jitpoġġa kollox f'dik l-area. *Twinning Bialystok*

86.4.9 Il-Kunsillier D. Muscat propona li dawk t-tabelli bl-ismijiet tat-toroq antiki li tħallew mal-ħajt, għandha titwaħħal tabella oħra li tindika li hija 'tabella storika' biex ma jidhirx li hemm zewġ ismijiet. Kien hemm qbil dwar dan. *Ismijiet tat-toroq*

86.4.10 Ġie nnotat li għadu ma twaħħalx il-*floodlight mal-bridge ta' Triq Manwel Dimech*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kellu diffikulta ma fejn se jqabbad id-dawl biex ma jtaqqabx il-ħajt li għadhom kif irrestawraw. Il-Kunsill għandu jara dwar dan mal-perita tar-Restoration Unit. Kien hemm qbil ukoll li tiġi ordnata t-tabella 'Bridge Ahead' li tinkludi l'għoli tal-pont u t-tabella titwaħħal fi Triq Manwel Dimech iktar il-fuq mil-pont biex jiġi indikat minn qabel. *Bridge – Manwel Dimech*

86.4.11 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għall-pubblikazzjoni tal-*magazine* u qal li qiegħed jibza li jekk ma joħroġ fil-ħin, il-materjal li hu relatat mal-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha, bħal l-applikazzjoni ecc mhux se tasal fil-ħin għand min ikun irid jinnomina. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li l-*magazine* jiġi pospost għal Diċembru fejn ikun iktar faċli li niġbru riklami għaliex ikun ġej il-Milied, kif ukoll tkun opportunita għall-Kunsilliera biex jawgura l-festi t-tajba. Sadanittant għal *Wirt u Niesha* jinħareġ fuljett apposta bid-dettalji kollha u l-applikazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti. Is-Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li ma dan il-fuljett inzidu *Magazine tal-Kunsill – Fuljett Tas-Sliema Wirt u Niesha*

messaġġ zgħir fejn infakkru il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart kif ukoll nippubblikaw il-formola li tirrigwarda d-*data protection* għal min ikun irid jirċievi informazzjoni dwar attivitjiet tal-Kunsill .

*Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.50*

**86.5 RAPPORTI**

86.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**86.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

86.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-*tender* tal-ġbir ta' skart mhallat. Il-bord kien magħmul mis-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, u mill-Kunsilliera P. Radmilli, D. Muscat u J. Pillow. *Tender tal-iskart*

Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm offerta waħda biss mill-istess kuntrattur li għandna bħalissa. L-offerta kienet *administratively and technicaly compliant*. Ġie nnotat ukoll li, wara diskussjonijiet mal-*accountant*, l-offerta li affordabbli. Għaldaqstant il-kumitat qiegħed jirrakomanda li tintghazel l-unika offerta min SRF & Veladrians JV. Il-Kunsill qabel.

**86.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

86.7.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsillier D. Muscat propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati kollha. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**86.8 MOZZJONIJIET**

86.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**86.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

86.9.1 Is-seduta ntemmet fit-21.01 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Awissu 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 6/08/2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |